# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**Illum, 17 ta' Jannar, 2001.**

**Kawza Nru. 20.**
**Rikors Nru. 226/00 JRM**

**BLYE ENGINEERING Co. Ltd.**

**vs**

**Dr. Victor SCERRI u l-P.L. Mario MIFSUD BONNICI li b'digriet tat- 23 ta' Frar 2000 gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti Stephen sive Steve GILMORE.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:
Illi s-socjeta' attrici ghandha tiehu minghand il-konvenut is-somma ta' elf seba' mija u disghin lira maltin u hamsa u

ghoxrin centezmu (Lm1790.25) ta' "air-conditioners" installati fuq inkarigu tieghu skond il-fattura numru 8893 tal-10 ta' Marzu 1998 (Dok. A);

Illi l-konvenut, ghalkemm interpellat diversi drabi, baqa' ma hallas xejn minn dan l-ammont u sussegwentement is-socjeta' attrici saret taf li kien telaq minn Malta;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq premessi:

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma fuq riferita ta' elf seba' mija u disghin lira maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1790.25) dovuti kif fuq spjegat;

Bl-imghax kummercjali u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 t'Awissu 1999 u tal-Mandat ta' Qbid numru - omissis -, kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti kuraturi li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet fiz-zmien u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuti kuraturi tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma

fuq riferita ta' elf seba' mija u disghin lira maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1790.25) dovuti kif fuq spjegat, bl-imghax kummercjali u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 t'Awissu 1999 u tal-Mandat ta' Qbid, u bl-ispejjez kontra l-konvenuti kuraturi.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF.**
**17 ta' Jannar, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**17 ta' Jannar, 2001.**